



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2010/0303(COD)

19.4.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] (COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD))

Rapporteur: Bart Staes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

It-tixrid taż-żejt reċenti ta' Deepwater Horizon fil-Golf tal-Messiku enfażizza l-bżonn li tingħata attenzjoni lill-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis fl-ambjent marin tal-UE. Il-Parlament Ewropew beda jħares lejn dawn il-kwistjonijiet fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar l-azzjoni tal-UE għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni taż-żejt fl-UE (inizjalment imħeġġa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel).

Dan ir-Regolament propost li qed jemenda r-Regolament (KE) Nru.1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Protezzjoni Marittima (EMSA), jirrappreżenta l-ewwel opportunità leġiżlattiva għall-Parlament biex jiġu eżaminati mezzi ta' tisħiħ tal-funzjonijiet eżistenti tal-EMSA sabiex jiżiedu l-objettivi tal-protezzjoni ambjentali u l-kapaċità tar-rispons għal inċidenti fl-ilmijiet tal-UE.

Ir-Regolament propost għandu jagħmel l-aħjar użu tal-esperjenza tal-Aġenzija u jsaħħaħ ir-rwol tagħha biex tgħin u tappoġġa l-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni tat-tniġġis mill-istallazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut u fl-iżvilupp tar-rekwiżiti u l-gwida dwar il-liċenzji tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass. Ir-Regolament propost għandu jipprevedi wkoll għal rwol miżjud għal sistemi bħal ma huma l-CleanSeaNet u s-sistema għall-iskoperta elettronika, użati mill-EMSA fil-ħidma eżistenti tagħha u għandu jestendi l-funzjonijiet ta' spezzjoni tal-EMSA.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament - att li jemenda Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-qasam tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jkun evitat xogħol doppju mal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-UE. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka.

Emenda

(6) L-Aġenzija għandha ttejjeb l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni rigward l-attivitajiet ta' riċerka relatati mal-qasam tal-kompetenzi tagħha. Madankollu, għandu jkun evitat xogħol doppju mal-qafas ta' riċerka eżistenti tal-UE. B'mod partikolari, l-Aġenzija m'għandhiex tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-proġetti ta' riċerka. ***Fl-estensjoni tal-ħidmiet tal-Aġenzija, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-ħidmiet ikunu deskritti***

b'mod ċar u preċiż, li ma jkunx hemm dupplikazzjoni u li tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament - att li jemenda Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu **u** għall-ambjent marittimu. L-użu tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru r-reazzjoni għat-tniġġis li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjon biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin.

Emenda

(8) Avvenimenti reċenti enfasizzaw ir-riskji tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal u ta' produzzjoni taż-żejt u tal-gass **u l-attivitajiet ta' trasport** lil hinn mix-xtut għat-trasport marittimu, għall-ambjent marittimu **u għaż-żoni kostali**. L-użu tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu estiżi b'mod espliċitu sabiex ikopru **l-prevenzjoni u** r-reazzjoni għat-tniġġis li toriġina minn attivitajiet ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjon biex tanalizza s-sikurezza tal-installazzjonijiet mobbli tal-gass u taż-żejt lil hinn mix-xtut **(inklużi l-installazzjonijiet tat-trasport)**, ħalli jkunu identifikati d-dgħufijiet possibbli, billi tibbaża l-kontribuzzjoni tagħha fuq il-kompetenza li żviluppat rigward is-sikurezza marittima, is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis marin. **L-Aġenzija għandha b'mod partikolari, permezz tal-immonitorjar tas-satelliti u s-servizz tas-sorveljanza eżistenti tagħha, tgħin lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tagħraf u tittratta l-effetti tat-tixrid taż-żejt li jirriżultaw minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.**

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 8 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-estensjoni tal-ħidmiet u r-responsabilitajiet tal-Aġenzija rigward l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut għandha tiġi riflessa kif suppost fil-baġit adottat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru.1406/2002, u għandha tirriżulta f'żieda fin-numru tal-persunal tagħha u fil-kapaċità tar-rispons għal inċidenti tagħha, jekk hemm bżonn biex l-Aġenzija tkun permessa twettaq dawk il-ħidmiet tagħha b'mod effettiv.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 8 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Is-sistema tal-iskoperta elettronika eżistenti tal-Aġenzija tista' tintuża b'mod utli għal tipi addizzjonali ta' bastimenti, meta jitqies il-potenzjal tagħha biex ittejjeb l-effiċjenza tat-trasport marittimu, u b'hekk tipprovdi inċentivi biex it-tagħbija titmexxa mit-trasport fuq it-toroq għal dak bil-baħar.

Emenda 5

Proposta għal regolament - att li jemenda Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet

(10) L-Aġenzija stabbiliet ruħha bħala l-fornitriċi awtorevoli ta' dejta dwar it-traffiku marittimu fuq il-livell tal-UE li hija ta' interess u ta' rilevanza f'attivitajiet

oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

oħrajn tal-UE. Permezz tal-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari rigward il-kontroll mill-istat tal-port, il-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir kif ukoll l-assistenza biex jiġu ntraċċati n-niġġiesa possibbli, l-Aġenzija għandha tagħti kontribuzzjoni biex jissaħħu s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. **Barra minn hekk, għandu jsir studju biex jiġi eżaminat jekk l-Aġenzija, li taġixxi bħala servizz tal-gwardja tal-kosta Ewropew, għandhiex fil-futur tieħu f'idejha dawn il-ħidmiet sabiex tippermetti azzjoni aktar mgħaġġla u aktar effettiva mill-awtoritajiet.** Barra minn hekk, is-sistemi ta' monitoraġġ u ta' ġbir tad-dejta tal-Aġenzija għandhom ukoll jiġbru informazzjoni bażika dwar it-theddid potenzjali għat-trasport marittimu u għall-ambjent marittimu mill-esplorazzjoni għal u mill-produzzjoni taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut **u tat-trasport tagħhom.**

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-kompetenza tal-Aġenzija fl-oqsma tat-tniġġis u r-rispons għall-inċidenti fl-ambjent marin tista' wkoll tkun prezżjuża fl-iżvilupp ta' gwida dwar l-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass. L-Aġenzija għandha għalhekk tgħin lill-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dan ix-xogħol.

Emenda 7

Proposta għal regolament - att li jemenda Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-Aġenzija twettaq spezzjonijiet sabiex tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-UE. Ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Bord Amministrattiv għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar.

Emenda

(12)L-Aġenzija twettaq spezzjonijiet sabiex tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-UE. Ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-Bord Amministrattiv għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar. ***B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tagħmel spezzjonijiet f'pajjiżi terzi fir-reġjuni tal-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Baltiku li fl-ilmijiet tagħhom qed isiru l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass, u tgħin dawk il-pajjiżi terzi biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jtejbu s-sikurezza tal-operazzjonijiet tagħhom lil hinn mix-xtut. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex isiru l-ħidmiet għandha tissaħħaħ sabiex tiġi permessa azzjoni aktar mgħaġġla.***

Emenda 8

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Article 1 - paragraph 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Aġenzija għandha ttipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima ***u tal-prevenzjoni*** tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti.

Emenda

2. L-Aġenzija għandha ttipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika u xjentifika meħtieġa kif ukoll b'livell għoli ta' kompetenza, sabiex tgħinhom japplikaw il-leġiżlazzjoni ***relevanti*** b'mod xieraq fl-oqsma tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima, ***tal-protezzjoni marina tal-ambjent b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-prevenzjoni*** tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti, ***u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut inklużi kemm il-pjattaformi għat-tħaffir taż-żejt u tal-gass kif ukoll it-terminals tal-linji tal-pajpijiet***, sabiex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha u jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri

stabbiliti.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 1 - paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġa netwerks ta' koordinazzjoni kostali transkonfinali bil-għan li tiżviluppa l-kooperazzjoni, billi tiffoka b'mod aktar espliċitu fuq il-prevenzjoni tad-diżastri, b'hekk jiġu permessi netwerks li jibbenefikaw lit-tnejn mill-għajnuna teknika u xjentifika tal-Aġenzija u mill-għarfien dettaljat li għandhom l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-fatturi speċifiċi u l-kundizzjonijiet lokali.

Emenda 10

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

1. Sabiex ikun żgurat li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 jintlaħqu b'mod xieraq, l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fl-oqsma tas-sikurezza marittima u tas-sigurtà marittima, tal-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut (inklużi installazzjonijiet mobbli u tat-trasport u t-terminals tal-linji tal-pajpijiet)***, u tar-reazzjoni għat-tniġġis marin.

Emenda 11

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt f a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) fl-iżvilupp ta' rekwiżiti jew kwalunkwe gwida relatata mal-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass fl-ambjent marin u, b'mod partikolari, l-aspetti ambjentali u tal-protezzjoni ċivili tagħha;

Emenda 12

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 - paragrafu 3 - punt c a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) testendi l-użu tas-sistema tal-iskoperta elettronika eżistenti għal tipi addizzjonali ta' bastimenti.

Emenda 13

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt c a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) permezz tal-immonitorjar tas-satelliti u s-servizz tas-sorveljanza tagħha, bl-isem “CleanSeaNet” u stabbilit skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2005/35/KE, fl-iskoperta u t-tindif tat-tniġġis ikkawżat lill-ambjent marittimu minn tixrid taż-żejt minuri li jirriżulta minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut.

Emenda 14

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tassisti lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-Trattat, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri.

Emenda

1. Sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha u sabiex tassisti lill-Kummissjoni biex twettaq dmirijietha skont it-Trattat, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha ***tgħin lill-Kummissjoni fir-reviżjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u*** twettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

L-EMSA jista' jkollha wkoll rwol fl-iskrutinju tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali (EIA) għal attivitajiet lil hinn mix-xtut biex jiġu evitati impatti ambjentali ta' detriment għall-ekosistemi marini verament sensitivi.

Emenda 15

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi kif inhu mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari rigward organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll it-taħriġ u ċ-

Emenda

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi kif inhu mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari rigward organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll it-taħriġ u ċ-

ċertifikazzjoni tal-baħħara skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ċertifikazzjoni tal-baħħara skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***L-Aġenzija għandha, 'mod partikolari, tagħmel spezzjonijiet f'pajjiżi terzi fir-Reġjuni tal-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Baltiku li fl-ilmijiet tagħhom qed isiru l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass, u tgħin dawk il-pajjiżi terzi biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jtejbu s-sikurezza tal-operazzjonijiet tagħhom lil hinn mix-xtut.***

Emenda 16

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn ikun xieraq, u jkun xi jkun il-każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kummissjoni għal iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri.

Emenda

3. Fejn ikun xieraq, u jkun xi jkun il-każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kummissjoni għal iktar diskussjonijiet mal-Istati Membri, ***u għandha tagħmilha disponibbli għall-pubbliku f'format li jkun faċilment aċċessibbli, inkluż fil-forma elettronika.***

Emenda 17

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 2

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil

Emenda

3. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv jista' jiddeċiedi, bil-qbil ***u***

tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv.

l-kooperazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex il-kompiti tal-Aġenzija jitwettqu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv, ***billi titħeġġeġ il-kooperazzjoni man-networks reġjonali u nazzjonali eżistenti diġà involuti fil-miżuri ta' prevenzjoni.***

Emenda 18

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 5

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot.

Emenda

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' ***ugwaljanza bejn is-sessi***, kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut inklużi terminals tal-linji tal-pajpijiet*** u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot.

Emenda 19

Proposta għal regolament - att li jemenda

Artikolu 1 - punt 5

Regolament (KE) Nru 1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

Emenda

4. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u maniġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' ***ugwaljanza bejn is-sessi***, kompetenza u ta' esperjenza professjonali rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom jinħatru jew jitkeċċew mid-Direttur Eżekuttiv wara li jkun irċieva opinjoni pożitiva mingħand il-Bord Amministrattiv.

PROCĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima]
Referenzi	COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD)
Kumitat(i) responsabbli	TRAN
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 10.11.2010
Rapporteur Data tal-ħatra	Bart Staes 30.11.2010
Eżami fil-kumitat	16.3.2011
Data tal-adozzjoni	19.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 58 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Nick Griffin, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Paul Nuttall, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Carl Schlyter, Richard Seeber, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	João Ferreira, Matthias Groote, Jutta Haug, Michèle Rivasi, Birgit Schnieber-Jastram, Renate Sommer, Bart Staes, Struan Stevenson, Eleni Theocharous, Marianne Thyssen, Giommara Uggias, Anna Záborská
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	George Sabin Cutas